# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2013, fit-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi hu u s-sinjorina Cefai [Viċi Sindku ta Ħal Kirkop] ma laħqux jiltaqaw biex jiddiskutu l-kontijiet illi ġew imħalsin għall-kors tal-piroteknika [ref punt 3.2]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk is-Sindki kienu jafu li kienu se jsiru dawn il-pagamenti. Is-Sindku qal illi ħadd minnhom ma kien jaf. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma kellhomx isiru dawn il-pagamenti mingħajr l-approvazzjoni tal-kunsilli u qal illi m'għandniex għalfejn inċedu.

3.2 Is-Sindku qal illi tal-Labour Office għandhom jiġu mal-enġineer ħalli napplikaw mal-MITA [ref punt nr. 3.3] biex ikunu jistgħu juzaw is-servizz tagħhom biex jaħdmu mill-kamra tal-Kunsill.

3.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk saret il-kamera f'triq Ta' Ġawħar. Is-Sindku qal illi se ninstallaw il-kamera wara li nagħmlu s-sleeping policeman. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil esprima l-opinjoni li l-kamera għandha ssir qabel u talab għall-iżviluppi dwar azzjonijiet li saru kontra min inqabad jikser il-liġi bil-kameras li għamilna s'issa. Is-Sindku kkonferma li l-pulizija fetħu 2 każijiet s'issa grazzi għal provi li għandna bil-'filming' tac-CCTV. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hija prijorita li nwaħħlu l-isleeping policeman u iħoss illi saru xogħolijiet oħrajn illi ma kienux ta' prijorita daqs din. Is-Sindku qal illi kull xogħol illi jsir, isir għax ikun hemm raġuni għalfejn isir fil-pront u kkonferma li l-isleeping policeman se titpoġġa.

3.4 Is-Sindku qal illi l-proġett Kor Kreattiv huwa proġett illi jinvolvi l-Kunsill u għalhekk jixtieq illi nżommu l-isem tal-Kor [ref punt nru 3.5]. Qal illi jekk tieħu l-isem ta' Kor Sine Macula Junior nitilfu s-sejħa tagħna fil-proġett u ma nkunux nistgħu ngħinu.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva stima waħda għas-sit tal-Kunsill s'issa [ref punt nru. 3.8]

3.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk il-Kunsill għamel qliegħ mill-attivita tal-15 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi qatt ma konna se nagħmlu l-qliegħ meta ħadna €2000 biss bħala fondi mill-gvern. Is-Sindku qal illi għandu ħsieb jagħmel proġett f'April u hemm baġit ta' €17,000. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill għandu joħroġ lista tal-infieq u dħul tal-Festa tal-15 ta' Settembru/majjallata. Is-Sindku qal illi mhux kull spiza tista tkun prevista. Qal ukoll illi l-qliegħ tal-majjallata ħa tmur għall-iskola. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk ħadniex l-€2000 mid-Dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nirċievu l-invoices qabel ma nitolbu l-flus lura.

3.7 Is-Sindku kkonferma li wara l-aħħar laqgħa, il-bozza fejn triq il-Puniċi kienet qed tixgħel [ref punt nru. 3.10] izda kien hemm bozza ġo sqaq Salvu Cauchi bil-problemi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irraporta bozza li qed tixgħel u titfi fejn it-tabib Portelli.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li rrisponda l-ittra tat-talba biex titneħħa sleeping policeman f'triq Ta' Ġawħar [ref punt nru 6.3].

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-bank statements tal-Kunsill [ref punt nru 6.7]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab għall-ammont illi kien hemm qabel l-aħħar elezzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jiċċekja sal-laqgħa li jmiss.

## 4. Approvazzjoni tal-pagamenti

4.1 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel talba biex meta jinxtara oġġett minn Ironmonger għall-prezz t'izjed minn €50, il-kunsilliera jkunu jafu x'inhu l-oġġett illi jinxtara. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dejjem ikun hemm lista tal-oġġetti li nixtru fil-file waqt il-laqgħa, u ħafna drabi l-kontijiet ikunu magħmulin minn ħafna oġġetti zgħar.

4.2 Il-kunsillier Publius Abdilla talab ir-raġuni għal fejn hemm kont ta' €230 għat-trasport. Dawn kienu għal bosta vjaġġi li saru għan-nursery [9 vjaġġi 2 way].

4.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab informazzjoni rigward il-ħlas ta' nru 27 fuq il-PAS. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dik il-persuna kienet l-għalliema tal-Literacy Program għal Skola Sajf 2013.

4.4 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għal xiex kienu l-packed lunches ta' Pinto Caterers. Is-Sindku qal illi kienu għan-nursery.

4.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għalfejn hemm ammonti differenti pendenti għall-istess servizz mogħti mill-Kazin San Pawl [għal Banda tal-Milied/Jum Ħal Safi/15 ta' Settembru]. Qal illi suppost fil-Milied [kont ta' €537] inħalsu nofs l-ammont imma qegħdin inħalsu €200 inqas minn JĦS u 15/09. Il-Kunsill se jiċċekja fuq dan.

4.6 Il-kunsilliera qablu u approvaw il-Payment Approval Sheet.

## 5. Korrespondenza

5.1 Is-Surmast Tony Pace għamel talba biex tintuza s-Sala nhar it-Tlieta 15 t'Ottubru kmieni wara nofs-in nhar biex grupp ta' barranin jiddiskutu l-irwol tal-Kunsill fil-qasam t'edukazzjoni, flimkien mal-Kunsill. Il-kunsilliera qablu.

5.2 Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill jibda jagħmel użu ta' suppliment ġdid ta' The Times of Malta biex itejjeb il-komunikazzjoni maċ-ċitadini Maltin.

5.3 Is-sinjorina Mariel Spiteri bagħtet emajl b'ilment rigward l-ammont ta' vetturi li jidħlu triq San Pawl u n-neċessita li terġa ssir one-way. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi verament jidħlu ħafna karrozzi li jkunu sejrin lejn iż-Żurrieq minn hemm. Is-Sindku qal illi għandna nħarsu lejn il-positiv ukoll. Qal illi żdied il-bejgħ fir-raħal minn meta fetaħ 2 way, u qal ukoll illi l-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni rigward it-triq fil-passat. Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm kaz ftit ilu illi nqabbdu nies illi kien hemm persuni suspettuzi f'karrozza f'xi s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu u li kieku ma kinitx miftuħa it-triq minjaf x'kien jiġri.

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nhar is-Sibt 12 t'Ottubru l-kunsilliera għandhom jiġu l-Kunsill biex jagħtu l-vot tagħhom għall-elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv ġdid għall-AKL. Il-kunsilliera għandhom jivvutaw bejn it-8am u l-11am fil-Kunsill. Il-Kunsill se jkun magħluq għall-pubbliku fit-12 t'Ottubru.

5.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajl tas-sur Carmel Abela [Direttur tad-DLG]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Direttur ħabbar illi għandna nieħdu l-€2300 fondi għax-xiri tal-equipment tal-Live Streaming.

5.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa kemm għandna fondi mill-UIF. Is-Segretajru Eżekuttiv qal ilil hemm €26,088.78.

## 6. Tender: I.T Room

6.1 Fit-2 t'Ottubru fil-presenza tas-Sindku u tal-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla, il-kaxxa tat-tenders infetħet biex jittieħed deċiżjoni rigward il-kuntrattur għall-bini tal-I.T Room. Il-Kunsill irċieva stima waħda minn Mangion Brothers għall-ammont ta' €79,221.25. Ma kien hemm l-ebda oġġeżżjoni mill-kunsilliera. Is-Sindku qal illi mhux se jkolna bzonn nagħmlu x-xogħolijiet kollha li hemm fit-tender u mhux se noħorġu l-ammont ta' €79,221.25 biex inlestu l-proġett. Is-Sindku qal illi diġa sar ħafna xogħol għax ma stajniex inkunu weqfin.

## 7. Quotations: Live Streaming

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva 3 stimi għal Live Streaming. Il-Kunsill qabel illi nuzaw is-servizz tal-irħas wieħed li kien Correct Temrination Limited.

**8. Pjan tal-istaġun: Kumitat Sportiv**

8.1 Il-kunsillier Carlo Stivala, bħala l-kap tal-kumitat tal-isports ta l-pjan tal-ħidma għall-istaġun li ġej

Ottubru: Kompetizzjoni tal-isparrar- għandna naraw x'domanda hemm. Bħala premijiet se jkun hemm vouchers u kull parteċipant ikollu jħallas bejn €10-€12. Il-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ flus. Is-Sindku qal illi jemmen se tkun diffiċli li nagħmlu l-attivita f'Ottubru minħabba l-kaċċa, izda l-kunsillier Carlo Stivala qal illi ċert illi hemm domanda ta' 25 jew 30 parteċipanti. Qal illi għandna niffisaw ġurnata u jemmen illi għanda ssir nhar ta' Ħadd.

Novembru: Bike hike- għat-tfal u għall-kbar. Ippropona li jmorru x'imkien bħal Girgenti u jiġu lura bil-van [għax it-tfal ma jkollhomx l-istamina biex jagħmlu l-vjaġġ 2 way. Se jittieħed deċiżjoni fuq ir-rotta wara li japplikaw in-nies.

Diċembru: Il-Mixja tal-President- Ippropona li l-parteċipanti jħalsu €15 u fuq it-t shirts ikun hemm il-logo tal-Kunsill.

Jannar: Maratona 10kms- qal illi s-sur Jonathan Balzan lest jgħin biex isir maratona fir-raħal [ta' 5kms u jduru darbtejn]. Qal ukoll illi għandna navzaw lil KMS biex inkunu nistaw niksbu punti magħhom għal Premju li jinħatar fl-aħħar tas-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk ir-rotta se tagħdi ġo rħula oħra wkoll, għandna navzaw il-Kunsill ikonċernati. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-sur Balzan se jieħu ħsieb ir-rotta.

Frar: Duathlon- Ġirja u rotta

Marzu: Tellieqa tar-rotti bħal ma kelna fis-sena 2013.

April: Sports Day bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi

Mejju: Triathlon- Ġirja, rota u għawm bħal ma sar f'2013

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi reġgħet bdiet in-nursery taċ-ċikliżmu u għawm [Agones] u hemm 3 tfal oħra. Qal illi din is-sena mhux se jintuza l-grawnd.

7.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm xi entitajiet li sabu għajnuna mill-Kunsill f'qassam sportiv u għandhom jibagħtu ittri għall-applikazzjoni tal-Kunsill mal-MOC [Malta Olympic Committee] għall-premju li jinħatar fl-aħħar tas-sena.

7.4 Il-kunsillier Carlo Stival qal illi sar diffiċli biex dawk kollha li qegħdin fil-Kumitat jifthemu fuq ġurnata u ħin biex jiltaqaw. Għalhekk, biex dejjem ikun hemm numru ta' membri preżenti għal laqgħat ippropona li jidħlu 3 oħra fil-grupp. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal illi l-bieb dejjem se jkun miftuħ għal min hu lest jagħti għajnuna lill-Kunsill.

7.5 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa wkoll jekk tista tintuza s-sala darba fil-ġimgħa għal Circuit Training. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li jikonferma meta jixtieq li jsir l-attivita biex jara jekk huwa possibli li tintuza s-sala dak in nhar.

7.6 Il-kunsillier Carlo Stivala kellu l-ħsieb illi nibdew klassi ta' Self Defence. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm domanda għal kors fil-passat izda xorta għandna nippruvaw.

**8 Ħarġa Kulturali**

8.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi qed jippjana ħarġa kulturali fl-1 ta' Novembru fejn se jżuru l-BirdPark ta' Kennedy Grove u l-Aquarium Nazzjonali. Qal illi x'aktarx inkunu nistgħu nieħdu fondi għat-trasport mill-MEUSAC waqt illi se jkun hemm għażla għal min jixtieq jiekol fil-BirdPark [għal ħlas extra]. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mal-inizjattiva izda qal illi d-destinazzjonijiet huma izjed kreattivi milli kulturali.

**9. Ħwejjeġ Oħra**

9.1 Il-Viċi Sindku qal illi ħarġu l-applikazzjonijiet għal kors tad-drama. Qal illi hemm ħsieb illi nagħmlu 2 gruppi u li jkun hemm 10 sessions għal prezz ta' €15. Il-Viċi Sindku ħareġ il-karta bid-detalji. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi tfal barra mir-raħal iħalsu izjed [€20] filwaqt illi l-Viċi Sindku qal illi hekk nagħmlu għan-nursery ukoll. Żied illi f'Diċembru it-tfal għandhom jagħmlu wirja f'isem il-Kunsill.

9.2 Il-Viċi Sindku qal illi kien hemm proposta fil-Kumitat tal-Kultura biex isir Treasure Hunt. Qal illi se ssir fid-9 ta' Novembru u l-Kunsill ikollu jħallas għat-trasport biss [2 way sa Mdina]. Hemm ħsieb biex ikun hemm gruppi ta' 3 jew 4 tfal bejn 9 u 11 [magħmulin mill-iskola/ mużewijiet/ Każin] u li tkompla ssir kull sena ġo post differenti. Il-Kunsill se jkollu jixtri shield li r-rebbiegħ iżomm għal sena. Qal illi l-Kumitat se tieħu ħsieb l-inizjattiva.

9.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-kunsilli kollha li jagħmlu parti mis-Southern Village Itenary tal-MTA talbu għall-izjed għajnuna mill-MTA. Il-Kunsill ta' Ħal Safi lesta programm għal nofs ta' nhar fir-raħal izda qatt ma sab għajnuna minn hotels jew l-MTA biex insibu turisti li jixtiequ jżuru l-Ħeritage Trail tar-raħal. Qal ukoll illi fil-laqgħa li kellhom, kien hemm ideja biex tibda ssir Hop on Hop off. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mingħajr gwidi għalxejn inġibu turisti hawn [il-Kunsill kien diġa sab gwidi li huma lesti jgħinu bil-programm tagħna] u qal illi l-MTA mhux se jagħmlu xogħol għalina. Il-Viċi Sindku qal illi jixtieq illi jgħinu biss u mhux jagħmlu xogħol għalina.

9.4 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal updated tal-awdjovisual. Il-Viċi Sindku qal illi ltaqa man-narratur u fadal ħafna xogħol avolja mexjin sew. Qal ukoll illi x'aktarx xi darba jkun hemm bzonn illi nagħqlu triq il-Karwija għal sagħtejn biex jiħdu filming tal-area.

9.5 Is-Sindku qal illi hemm razzett zgħir fil-ġnien Sir Alexander Ball, fejn Sir Alex kien irabi n-naħal. Għamel rikwest fuq il-mejda tal-Kunsill biex nagħmlu kaxxa bin-naħal hemmhekk. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx għax qal illi jduru għan-nies u ma jkunx safe. Qal ukoll illi n-naħal jħallu ħafna ħmieġ. Il-Viċi Sindku staqsa jekk min jieħu ħsieb il-ġnien iħossu komdu li jkun hemm in-naħal madwaru. Is-Sindku qal illi dan il-persuna ma sab l-ebda oġġeżjoni. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi aħjar nieħdu parir mingħand min jifhem l-ewwel. Is-Sindku qabel. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-ewwel għandna naraw jekk fil-fatt għandna l-permess nrabu n-naħal ġo ġnien pubbliku.

9.6 Is-Sindku qal illi se jiltaqa ma rappreżentanti tal-programm Xarabank biex jara x'possibilta hemm illi residenti minn Ħal Safi jattendu l-istudjo u jipparteċipaw fil-programm billi jirrakontaw stejjer dwar ir-raħal. Qal illi massimu ta' 90 persuna ikunu jistaw imorru. Il-Kunsill f'dan il-każ ikollu jħallas għat-trasport. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

9.7 Is-Sindku qal illi għandu ħsieb li ssir attivita f'Diċembru fejn il-flus li jinġabru imorru għal karita. Qal illi l-Kunsill ikollu jħallas għas-servizz tal-pulizija biss. Ma kien hemm l-ebda oġġeżjoni.

9.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna naħsbu għat-tabelli biex nuru li hemm zebra crossing f'triq San Pawl. Kien hemm ilmenti fuq iz-zebra crossing imma l-Kunsill qabel illi s-sigurta tiġi qabel kollox u saru biex intejbu s-sigurta ta' min jaqsam it-triq hemmhekk. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ġurnata qabel m'għamlu z-zebra crossing għal ftit ma kienx hemm aċċident fl-area. Is-Sindku qal illi hemm van iparkjajt fuq iz-zebra crossing għax is-sid kien ipparkja hemm, tilef iċ-ċwievet u qed jistenna li jirċievi sett ġdid mill-Ingilterra. Għalhekk qal illi s-sid għandu permess sal-15 t'Ottubru biex jibqa "ipparkjat" hemmhekk.

9.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva talba għall-ħlas ta' €50 lill-avukat għax-xogħol illi kellu jagħmel meta l-kunsillier Publius Abdilla ma kienx seta jattendi l-qorti fid-9 ta' Lulju [każ tal-Pulizija kontra l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil] peress illi ma kienx fil-pajjiz. Il-Kunsill qabel li għandna nħalsu l-kont.

**10 Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-16 t' Ottubru fit-5.30pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera. Il-laqgħa se ssir f'inqas minn perjodu ta' ġimagħtejn minn din is-seduta għax is-Segretarju Eżekuttiv mhux se jkun jista jattendi għal laqgħa sal-aħħar tax-xahar.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard